KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

Id-Disa' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 6**

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru, 2024, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Aymen Grech Pace
Vince Bonello
Mario Calleja
Maria Mallia
Jean Carl Agius Ciscaldi
Carmen Borg
Antoine Vassallo

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Maria Baldacchino

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

| | |
|---|---|
| **06.02** | **Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti** |
| 06.02.01 | Xogħol fi Triq Ġużè Maria Camilleri, baqa' kif inhu però qed isiru xi diskussjonijiet mal-perit, fejn se jkunu qed jinbidlu xi affarijiet fi Triq Manuel Magri u wara jitkompla x-xogħol. |
| 06.02.02 | Il-cameras fi Triq Alexander twaħħlu b'riżultat li l-abbużi waqfu. |
| 06.02.03 | Fuq Pjazza 7 ta' Ġunju għadha għaddejja bil-ħidma biex jsiru l-kameras, u għalissa għadna bla żviluppi però xorta qed jintbagħatu tfakkiriet regolari. |
| 06.02.04 | Rigward il-obsitcale track fil-Liceo għadna rridu napplikaw għal dawn il-fondi. Nġiebu xi stimi, għalhekk fadal biss li tiddaħħal l-applikazzjoni. |
| 06.02.05 | L-attività flimkien mal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa kienet suċċess. Is-Sindku issuġġerixxa li din tibda ssir b'mod regolari. Kienet okkażjoni li resqet lejn il-Ħamrun ġeneru ta' nies li min-naħa tagħhom dawn faħħru ħafna lil-lokal tagħna. |
| 06.02.06 | Rigward il-parkeġġ fl-iskejjel s-Sindku se jkellem lill-kuntrattur biex jibda x-xogħol taż-żebgħa, biex malli jsir dan jibda jintuża dan il-parkeġġ. |
| 06.02.07 | Rigward il-ħruġ tat-tender tal-konvenjenza pubblika, ġie avviċinat ex-Kunsillier però infurmana li mhux possibbli li jaħdimhom, għalhekk se nkunu qed naraw opzjonijiet oħra. |
| 06.02.08 | Rigward il-Ħamrun Chocolate Festival, sar u kien suċċess kbir. L-istatwa ta' Buffon kienet attrazzjoni kbira u kif ukoll il-player innifsu għamel kummenti sbieħ però fejn tidħol promozzjoni ħadha l-artist u mhux il-kunsill. |
| 06.02.09 | Is-Sindku qal li jinsab ftit diżappuntat għalfatt li fejn qabel kellna ma' 2 u anke 3 attrazzjonijiet, din id-darba kellna biss wħada, iżda jinsab ukoll pożittiv għal fatt li għalkemm inbidlet id-data, xorta kien hemm attendenza tajba ħafna. Huwa kuntent ukoll b'ħidmet l-għaqdiet. Is-Sindku saħaq li wasal iż-żmien li jkun hemm xi ftit ta' tibdil fl-andament tal-attività. Għalkemm sintendi l-għan se jibqa' dejjem iċ-ċikkulata, hemm bżonn li jkun hemm tibdil fit-tqassim u li ma nkun prevedibbli b'dak li wieħed jista' jara meta jattendi. Hemm noħolqu aktar attivitajiet relatati maċ-ċikkulata, anke fejn jidħlu t-tfal. Fuq l-organizzatur, huwa qal li kuntent, però jidher biċ-ċar li l-livell ntlaħaq però issa li s-sena dieħla se jkun il-15-il sena ta' dan l-avveniment, huwa mportanti li dan jingħata dimensjoni ġdida. |
| 06.02.10 | Fuq il-festival, il-kunsillier Mario Calleja, qal li kien hemm min ġibed l-attenzjoni fuq in-nuqqas ta' bins, filwaqt li l-kunsilliera Maria Baldacchino qalet li kien hemm in-naħa tal-kumpless tax-xiri mudlama. Rigward toilets, il- |

kunsillier Dr Antoine Vassallo, qal li kien hemm min qal li ma kienx hemm, però huwa ġie nfurmat li l-latrini pubbliċi kienu ilkoll miftuħa.

06.02.11 Is-Sindku reġa saħaq li huwa mportanti li nkunu aktar innovattivi u kreattivi fuq dak li norganizzaw u nagħmlu, eżempju anke noħolqu mużew, u aktar attrazzjonijiet. Fuq dan il-punt l-kunsilliera Maria Mallia, qalet li huwa tajjeb li anke l-kunsilliera jkunu parteċipi bi stand.

06.02.12 Is-Sindku qal li fuq l-iskema Vjal kulħadd bħala kunsill ma applikajniex għax ma ħassux komdu bil-pjanta provduta għal Triq il-Kunċizzjoni. Filwaqt li l-idea hija tajjeb hemm bżonn li jsir aktar studju fuqha u jeħtieġ ukoll li jkun hemm aktar diskussjonijiet.

06.02.13 Is-Sindku qal ukoll li kemm fondi min-naħa ta' fondi pubbliċi fejn huwa kien issuġġerixxa li jsir xogħol fi Pjazza San Pawl, però biex dan ix-xogħol isir se jiġi jiswa aktar mill-ammont ta' fondi nnifishom. Huwa qal li fejn is-Santwarju tas-Samra u n-naħa ta' Atoċja hemm bżonn xi xogħlijiet li jridu jsiru, għalhekk huwa qal li jkun l-ideali li tiddaħħal applikazzjoni għal dan ix-xogħol. Huwa qal li għalkemm anke f'dan il-każ l-ammont huwa ferm aktar, f'dan il-punt din in-naħa hija l-akbar prijorità. L-Kunsill approva b'mod unanimu.

06.02.14 Bħalissa għaddej ix-xogħol fuq in-naħa tar-Rabbat u Triq is-Sewwieqa, fejn dan mixi b'mod tajjeb ħafna u li qed jagħti dehra tassew sabiħa.

06.02.15 Fuq il-Milied, is-Sindku qal, li f'dan il-punt, huwa aħjar jekk il-Kunsill jiffoka ħidmietu fuq l-attività tal-24 ta' Novembru.

## 06.03 Komunikazzjoni mis-Sindku

06.03.01 Il-maġġor parti tal-komunikazzjonijiet mis-Sindku ġew diskussi waqt l-approvazzjoni tal-minuti.

06.03.02 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera illi bħala kunsill ġejna mistiedna mill-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni biex ikun hemm rappreżentanza tal-Kunsill għal mawra li se ssir fl-Italja. Bħala ħlas, min-naħa tas-soċjeta mużikali se jmur għall-akkomodazzjoni, filwaqt li l-passaġġ jrid jitħallas mill-kunsilleri li se jattendu.

06.03.03 Min naħa tiegħu is-Sindku qal li xtaqt jagħti l-opportunita lill-Viċi Sindku, lill-Minotiry leader u lil Maria Mallia bħala l-inkarigata mill-ġemellaġġi..

06.03.04 Ġie kkonfermat li se jkunu qed jattendu, s-Sindku, l-Minority Leader u l-Kunsilliera Maria Mallia.

## 06.04 Korrispondenza

06.04.01 Ġew imressqa b'ritratti xi ħsarat li hemm fil-bandli ta' Anton Buttiġieġ, fejn inġabet stima li ammontat għal madwar €800. Huwa qal li nistgħu nużaw

ukoll lill-ħaddiema tagħna biex dan ix-xogħol isir. Saret diskussjoni libera jekk dan jitrangax mill-ħaddiema tal-kunsill jew min fejn inġibet l-istima. Kien hemm diskussjoni libera fuq dan il-punt fejn wara ġie approvat li l-ewwel naraw mal-ħaddiema tal-kunsill jekk jaslux għal dan ix-xogħol jew inkella nimxu mal-istima preżentata. Il-Kunsill approva.

06.04.02 Ġew murija wkoll id-disinji ta' kif ġie propost ix-xogħol fi Triq il-Kunċizzjoni. Dawn waslu għal diskussjoni libera bejn il-kunsilliera, li però ġie deċiż li fil-futur qrib se ssir laqgħa apposta biex jiġi diskuss dan ix-xogħol.

**06.06.05 Ċiki Ċiki Ċu**

06.06.01 Waqt dan il-ħin saret diskussjoni libera fuq dak li jista' jsir għal din l-attività, fejn ġew elenkati ammont sabiħ ta' ideat li jistgħu jwasslu għas-suċċess ta' din l-inizjattiv.

**06.06 Milied**

06.06.01 Is-Sindku qal li għal dawn il-festi se nkunu qed neraw it-toroq.

06.06.02 Is-Sindku ġie avviċinat mill-Kulleġġ San Ġorġ Preca – Maria Reġina – fejn hemm grupp tad-drama li dawn is-soltu jorganizzaw xi rappreżentazzjonijiet għall-familja biss u dawn xtaqu li dawn jiżviluppawhom aħjar. Huwa se jkun qed niltaqgħa magħhom biex jagħmlu dawn fit-toroq u kif ukoll nikkunsidraw il-possibilità li jinġieb kor.

06.06.03 Fuq il-festi tal-Milied kien hemm diskussjoni libera fuq x'jista jsir waqt il-festi tal-Milied aktar 'il quddiem

**06.07 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

06.07.01 Il-Kunsillier Mario Calleja ġibet l-attenzjoni fuq gandott li hemm fi Triq il-Franġiskani li hemm diversi ilmeti fuqhu. Is-Sindku fuq dan qal li għalissa se jkollu jibqa' hekk peress li se jsir xi xogħol f'din it-triq.

**06.08 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

06.08.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 11.2024 ġiet approvata mill-Kunsillier Mario Calleja u sekondata mill-Kunsillier Dr Antoine Vassallo

**06.09 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa li jmiss hija skedata għall-Erbgħa 20 ta' Novembru 2024, fil-5pm

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv